# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

Illum 24 ta' Jannar 2025

Nru: 2

**Konkors numru 166/2024 - wara ċ-ċedoli ta' depożitu bin-numri**

**1300/11, 424/16, 72/17, 82/17, 299/17, 353/17 u 1233/17 - fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana**

**v**

**Steel Structures Company Limited**

Kopja informali

## Sfond

1. Fil-21 ta' Diċembru 2023, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana (il-"Kummissarju") ressaq rikors li bih talab li jinfetaħ konkors bejn il-kredituri ta' Steel Structures Company Limited ("SS").

2. SS, li ġiet mgħarrfa bir-rikors tal-Kummissarju, wieġbet li hi kienet qegħda taqbel kemm mal-premessi, u kif ukoll mat-talbiet tal-Kummissarju. SS qalet ukoll li hi taqbel li l-flus depożitati permezz taċ-ċedoli li n-numri tagħhom huma mniżżla fl-*okkju* għandhom jitħallsu lill-Kummissarju akkont ta' ammonti dovuti lilu.

3. B'digriet tat-28 ta' Marzu 2024, il-qorti ordnat il-ftuħ tal-konkors u l-ħruġ tal-avviż skont il-liġi, u qiegħdet il-kawża għas-smigħ għat-28 ta' Ġunju 2024. Ir-reġistratur bagħat ukoll avviż lil dawk il-persuni li dehru, mill-atti, li setgħu għandhom pretensjoni kontra SS.

**Il-pretensjonijiet**

4. Il-pretensjoni tal-Kummissarju, kif imressqa fir-rikors għall-ftuħ[1] hi ta' €216,543 rappreżentanti €96,273 taxxa imnaqqsa mill-paga tal-impjegati skont Regola 24 tar-Regoli tal-1998 dwar *Final Settlement System* (F.S.S.) (Avviż Legali 88 tal-1998) u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372), kif ukoll €120,270 rappreżentanti kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ilkoll għas-sena 2015, li ġew imnaqqsa mill-pagi tal-impjegati tal-istess kumpannija u kellhom jiġu mgħoddija lill-Kummissarju. Il-Kummissarju jgħid ukoll li (i) għandu titolu eżekuttiv skont is-sub-artikolu (1)(b) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa permezz tan-notifika tal-Avviż ta' Talba għall-Ħlas tal-F.S.S. u/jew Sigurta' Soċjali datata 18 ta' Settembru 2017, liema titolu eżekuttiv ġie reż eżegwibbli skont is-subinċiż 44(2A)(ċ) permezz tal-ittra uffiċjali numru 473/2022 li nħarġet fit-3 ta' Frar 2022 kontra Kurt Cini personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' SS, liema avviż jinsab anness mal-ittra uffiċjali (kopja ta' liema ittra tinsab annessa u mmarkata bħala **Dok. KT** 1 mar-rikors għall-ftuħ); u (ii) l-kreditu li hu privileġġjat skont l-artikoli 23(11) tal-Kap. 371 u 116(3) tal-Kap. 318.

5. Jidher li hemm dejn dovut minn SS lill-kumpanniji S.M.S Insurance Agency Limited (€9,907.87); S. Mifsud & Sons Limited (€1,605.80); u Global Insurance Brokers Limited (€11,013.70): dan skont in-nota (b'dokumenti) mressqa mill-istess kumpanniji (paġni 57 – 69). Iżda dawn id-djun, jekk fil-fatt jeżistu, ma jistgħux jitqiesu f'dan il-konkors għaliex biex dejn jitqies, hemm bżonn li titressaq talba b'rikors u mhux, kif sar, li titressaq nota (ara artikolu 418 tal-Kap. 12).

6. Tressqet ukoll oppożizzjoni għall-'eżekuzzjoni tat-talbiet .. tal-Kummissarju ..fir-rigward taċ-ċedoli ta' despożitu [korrezzjoni: depożitu] bin-numru 299/2017 u 353/2017...' mir-Riċevitur Uffiċjali, l-avukat Ingrid Hamilton, bħala stralċjarja ta' A.L. Projects Limited. Din l-oppożizzjoni tressqet permezz ta' risposta. Fiha lanqas jingħad x'suppost hu l-kreditu li għandha tieħu A.L. Projects Limited. Hemm biss riferenza għal żewġ depożiti li kienu saru wara mandat ta' sekwestru li kien inħareġ, fuq talba tagħha, kontra SS. F'kull każ,

Kopja informali

[1] Il-Kummissarju jidher li għandu pretensjonijiet oħra kontra SS: dan skont ma jidher min-nota, u d-dokumenti annessi magħha, imressqa fit-3 ta' Ottubru 2024: ara paġni 402 – 410. Dawn il-pretensjonijiet mhumiex ser jitqiesu għall-finijiet ta' dan il-kokors, għall-istess raġuni li ngħatat f'paragrafi 5 u 6 dwar il-pretensjonijiet hemm imsemmija.

anki kieku l-qorti kellha tqis ir-riferenza għall-mandat bħala riferenza għall-kreditu, tali kreditu xorta ma jistax jitqies fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, għaliex talba f'dan is-sens kellha, kif ġa ngħad, titressaq b'rikors.

7. Il-qorti tosserva li anki kieku l-kumpanniji msemmija f'paragrafi 5 u 6 talbu li jikkonkorru permezz ta' rikors, ir-riżultat ta' dawn il-proċeduri ma jidhirx - għallanqas skont id-dokumentazzjoni imressqa - li kien ikun differenti. Dana għaliex il-Kummissarju jidher li għandu privileġġ, u għaliex id-dejn lill-imsemmija kumpanniji ma jidhirx li jgawdi minn ebda kawża ta' preferenza, wisq anqas kawża ta' preferenza aħjar minn, jew fl-istess grad ta', dik tal-Kummissarju.

**Konklużjoni u deċiżjoni**

8. Dan spiċċa, għalhekk, konkors b'konkorrent wieħed biss. Għalhekk ma hemm l-ebda gradwatorja li hemm bżonn li ssir.

Għalhekk il-qorti tiddikjara li l-Kummissarju hu, għall-finijiet ta' din il-proċedura, l-uniku kreditur li għandu l-jedd li jiżbanka l-flejjes depożitati permezz taċ-ċedoli bin-numri 1300/11, 424/16, 72/17, 82/17, 299/17, 353/17 u 1233/17.

L-ispejjeż tħallashom SS.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

Kopja informali